KUNSILL LOKALI
BIRŻEBBUĠA

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Birżebbuġa**

**8 LEĠIŻLATURA**

**Laqgħa Numru 51**

**It-Tnejn, 11 ta' Lulju, 2022**

Il-Kunsill Lokali Birżebbuġa ltaqa' ġewwa, fl-uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz *Dar Birżebbuġa, Triq Santa Marija, Birżebbuġa*, fil-17:30h.

**PREŻENTI**:

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur | Scott Camilleri | Sindku |
| Is-Sa | Josette Busuttil | Viċi Sindku |
| Is-Sur | Alex Caruana | Kunsillier |
| Is-Sur | Joseph Farrugia | Kunsillier |
| Is-Sa | Maria Mifsud | Kunsillier |
| Is-Sa | Doriana Portelli | Kunsillier *(online)* |
| Is-Sur | Joe Baldacchino | Kunsillier *(online)* |
| Is-Sur | Johann Borg | Kunsillier |
| Is-Sur | Carlo Stivala | Kunsillier *(online)* |

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A):**
Hadd

**ASSENTI:**
Hadd

**UFFICJAL PREŻENTI:**
Is-Sur Jordy Brincat — Aġent Segretarju Eżekuttiv

**MEMBRI MILL-PUBBLIKU:**
Hadd

## 51.01 Qari tal-ittri t'Apoloġiji

Ma kienx hemm ittri t'apoloġiji.

## 51.02 Approvazjoni tal-minuti (Seduta 50)

**51.02.01** Il-Kunsilliera Doriana Portelli rrimarkat li fis-seduta preċedenti kienet staqsiet dwar is-Sotto Kumitat tal-Pjazza. Is-Sindku Scott Camilleri kien irrisponda li dan is-Sotto Kumitat ġi null u m'għadux jeżisti.

Wara din il-korrezzjoni, fuq proponiment tal-Viċi Sindku Josette Busuttil u ssekondata mill-Kunsilliera Maria Mifsud, l-minuti ġew approvati unnanimament.

Il-Kunsilliera Maria Mifsud xtaqet tagħmel *arising* mill-minuti tas-seduta preċedenti fuq punt 50.03.01 dwar Sejħa ta' kwotazzjoni għall-Hart fil-ġnien ta' ħdejn il-Kappella ta' San Ġorġ, fejn qalet li giet avviċinata mill-persuna li kienet intgħażlet li tagħmel dan ix-xogħol, u infurmaha li ma jistax jagħmel dan ix-xogħol. Is-Sindku Scott Camilleri, ippropona li mmorru għat-tieni l-irħas offerta bl-ittra (D). Il-Kunsilliera kollha preżenti qablu ma' dan.

## 51.03 Approvazzjoni ta' Kwotazzjonijiet

**51.03.01** *Railing għar-rampa fil-Bajja s-Sabiħa* – Kien hemm talba għal tlett kwotazzjonijiet, fejn ġiet provduta waħda għall-prezz ta' €16,756. Is-Sindku Scott Camilleri qal li ser jiċċekja mal-*handyman* tal-Kunsill sabiex isir *railing* temporarju. Dan peress li l-kwotazzjoni hija waħda għolja u jkollna noħorġu tender. Se jagħmel talba għal-għajnuna mill-*Public Works*.

**51.03.02** *Servizz ta' trasport ta' shuttle service waqt il-jiem tal-festa* - Is-Sindku Scott Camilleri spjega li peress li fil-ġimgħa tal-festa, it-triq tal-bajja s-sabiħa, tkun magħluqa, ġiet ssuġeriet li jsir *shuttle service* kull kwarta minn tal-Papa għal Pjazza u servizz ta' *coach* biex twassal il-bandisti minn ħdejn il-parkeġġ t'Għar Dalam u lura. Kien hemm talba għal ħames kwotazzjonijiet, fejn ġew provduti tlieta u ġiet magħżula l-irħas kwotazzjoni (D) bil-prezz ta' €756. Il-Kunsillier Alex Caruana ssuġġerixxa li ssir laqgħa ma' min se jipprovdi s-servizz, fejn għandu jiġi infurmat li jista jkun hemm lok għal tibdiliet. Il-Viċi Sindku Josette Busuttil, proponiet li niġu provduti b'kuntatt tax-xufier biex f'kaz ta' xi problemi jkun hemm mezz ta' kommunikazzjoni.

**51.03.03** *Aluminium għall-aperturi tas-sala tal-Kunsill* - Kien hemm talba għal ħames kwotazzjonijiet, fejn ġiet provduta kwotazzjoni waħda (E) u li giet magħżula għall-prezz ta' €2,513.

**51.03.04** *Żieda ta' CCTV's fil-Bajja s-Sabiħa* – Inġiebet kwotazzjoni waħda peress li din il-kwotazzjoni hi tal-istess supplier li għamel dawk eżistenti u kull ma hu ser isir huwa *upgrade* fuq is-sistema eżistenti. Din il-kwotazzjoni kienet għal erba' *cameras* għall-prezz ta' €989, imma issa ġie deċiż li jiġu installati ħamsa. Il-Kunsillier Alex Caruana ssuġġerixxa li jkun hemm *camera* li tkun kapaċi taqra *number plates* ta' karozzi.

**51.03.05** *Servizz ta' tlett mobile toilets għax-xhur tas-sajf fil-promenade tal-Qajjenza* - Kien hemm talba għal erba' kwotazzjonijiet, u mill-erba' li rrispondew, ġiet magħzula l-irħas kwotazzjoni (D) bil-prezz ta' €8 kull jum għal kull *mobile toilet*.

**51.03.06** *Metal Bollards għall-Bajja s-Sabiħa* - Kien hemm talba għal ħames kwotazzjonijiet, fejn ġiet provduta kwotazzjoni waħda (B) u li giet magħżula għall-prezz ta' €76.70c għal kull *bollard*.

Is-Sindku Scott Camilleri issuġġerixxa li minbarra quddiem il-każin tal-Partit Laburista, jsiru *bollards* oħra ma ġenb il-lukanda ta' ħdejn il-venda tal-karozzi tal-linja.

**51.03.07** *Boroż tar-recycle lir-residenti* - Kien hemm talba għal erba' kwotazzjonijiet, fejn ġiet provduta kwotazzjoni waħda (C) għall-prezz ta' €1.54 għal kull roll ta' 26 borża. Wara diskussjoni libera, ġie deċiż li għalissa mhux ser jinxtraw dawn il-boroż.

**51.03.08** *Provisions u structuring tat-tenders skaduti u li se jiskadu dalwaqt* - Kien hemm talba għal erba' kwotazzjonijiet, fejn ġew provduti tlett kwotazzjonijiet. Ġiet magħżula l-kwotazzjoni (D) għall-prezz ta' €47.20c kull siegħa.

**51.03.09** *Bowser tal-ilma għat-tindif tat-toroq u bankini fis-Sajf* - Kien hemm talba għal ħames kwotazzjonijiet, fejn ġew provduti żewġ kwotazzjonijiet u li ġiet magħżula kwotazzjoni (A) bil-pipe u mhux bil-bexxiexa għall-prezz ta' €88.50c għal kull bowser ta' 3,000 gallun ilma.

## 51.04 Skeda ta' Pagamenti u petty cash

*Skeda ta' Pagamenti:*

**51.04.01** L-Aġent Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat beda billi ta l-informazzjoni fuq il-laqgħa li saret mal-Kuntattur tal-Latrini s-Sur Chris Bonelli u l-Avukat tiegħu fil-21 ta' Ġunju. Għal din il-laqgħa kien hemm preżenti s-Sindku Scott Camilleri, il-Viċi Sindku Josette Busutill, il-Kunsilliera Maria Mifsud, Alex Caruana, Johann Borg u s-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat. F'din il-laqgħa ġiet diskussa l-ittra bl-Avukat li nbagħtet lill-Kunsill dwar diversi materji inkuż il-waqfien tal-pagamenti tal-latrina ta' San Ġorg, minħabba li kienet qeda ssir xogħlijiet ta' manutenzjoni fuq l-istess latrina. Wara diskussjoni bejn dawn preżenti ġie maqbul li mill-ewwel ta' Jannar sal-aħħar ta'Ġunju 2022, isir il-ħlas dovut lilu fix-xahrejn li ġejjin. Il-Kunsilliera qablu ma din il-proposta u li min-naħa tiegħu se jieqaf milli jieħu passi legali ulterjuri.

**51.04.02** Saret mistoqsija minn diversi Kunsilliera rigward il-punt 35, fejn is-Sindku Scott Camilleri, spjega li l-ħlas hu għal liċenzja biex ikun jista jiġi uploadjat il-*live streaming sessions* tal-Kunsill. Hu se jikkonferma dan ma' min jieħu ħsieb l-accounts.

**51.04.03** Is-Sindku Scott Camilleri semma wkoll l-excel sheet tal-ispejjeż marbuta mal-attività tal-Imnarja fil-Pjazza. F'isem il-Kunsill is-Sindku rringrazzja lilll-Viċi Sindku Josette Busuttil, tax-xogħol siewi li għamlet marbut ma din l-attivita' u li kienet organizzata tajjeb ħafna.

*Petty cash:*

**51.04.04** Ma kienx hemm mistoqsijiet fuq il-*petty cash.*

Fuq proponiment tal-Kunsillier Alex Caruana u ssekondat mill-Kunsillier Johann Borg, il-Kunsilliera preżenti qablu b'vot nem.com dwar l-iskeda u l-petty cash.

## 51.05 Kommunikazzjoni tas-Sindku

**51.05.01** Is-Sindku Scott Camilleri avża li meta jiġu nies prominenti minn barra Birżebbuġa bħal: Sindki, Ex-Sindki, Ambaxxaturi, etċ, għandna kotba tal-Għaqda Storja u Kultura u li dawn qed jiġu provduti bħala rigal. Il-Viċi Sindku Josette Busuttil issuġġerit ukoll li jistgħu jingħataw DVD's u jistgħu dawn il-filmati jiġu mxandra fuq it-televiżjoni lokali. Is-Sindku Scott Camilleri qabel ma dan u avża li kien ser ikellem lil-Għaqda Storja u Kultura rigward din il-proposta.

**51.05.02** Is-Sindku Scott Camilleri informa lill-Kunsilleira li nhar il-Ġimgħa li għaddiet, saret laqgħa dwar il-Berġa mal-Ministru tal-Ippjanar. F'din l-istess laqgħa kien hemm preżenti, s-Segretarju Permanenti tal-istess Ministeru, is-Segretarju Permanenti u l-Perit tal-Ministeru tal-Edukazzjoni, il-Perit tal-*Planning Authority*, is-Surmast u l-Prinċipal tal-iskola ta' San Benedettu ta' Ħal Kirkop. Din il-laqgħa kienet organizzata mill-Ministru Onor. Stefan Zrinzo Azzopardi. Is-Sindku qal li f'din l-istess laqgħa tkellem dwar l-idea tal-Kunsill li jiżvilupa il-kantuniera ta' bejn Triq Żaren Dalli ma' Triq San Mikiel f'Berġa tas-Saħħa u Librerija Pubblika. Din il-proposta ntlaqat tajjeb ħafna. Huwa qal li għanda ssir laqgħa bejn il-Perit tal-Kunsill u l-Perit tal-Edukazzjoni biex jaraw l-*specifications* u r-*requirments* meħtieġa li l-Edukazzjoni għanda meta tkun ser isir devoluzzjoni tal-art. Hu żied jgħid li l-iktar li ntlaqa' tajjeb hu li l-post innifsu huwa l-posizzjoni ideali għal fini ta' servizzi, peress li fi Triq Zaren Dalli ser ikun hemm is-servizzi kollha accessibli u neċessarji għal-lokalità.

**51.05.03** Is-Sindku Scott Camilleri informa li l-kuntrattur li qed jagħmel ix-xogħolijiet tal-blokka ta' bini madwar it-toroq De Redin, Għar Dalam u Herakles, għadda triq temporanja li tispara fi Triq Għar Dalam. Hu fakkar li dejjem kien hemm oġġezjoni min-naħa tal-Kunsill għal din it-triq temporarja minħabba li din toħloq *blind spot* fi Triq Għar Dalam u wkoll li hi *buffer zone* ta' art protetta *Grade 1*. Hu zied jgħid li l-Perit ta' dan il-proġett, talab *no objection* minn għand l-SCH u ingħatatlu bil-patt li ma ssirx ħsara lilll-Għar Friefet. Il-PA meta saret taf li l-SEH ma sabitx oġġezjoni, hi tat il-*go ahead* tagħha bla ma kien hemm konsultazzjoni ma Transport Malta ta' fejn jitħol il-*blind spot*. Is-Sindku qal li minn informazzjoni li kellu rigward dan, wara li għamel oġġezzjoni b'email ix-xogħolijiet twaqqfu mmedjatament u għadhom weqfin s'issa. Irriżulta wkoll li l-MPT kienu oġġezzjonaw fuq dan il-proċess. Hu ġie nfurmat li t-Transport Malta qed jieħdu azzjoni u qed jistqsu, għalfejn dan ma kienx inkorporati fit-*traffic management* plan mill-bidu imma ġiet miżjuda wara.

**51.05.04** Is-Sindku Scott Camilleri informa li qed ikun hemm ħafna lmenti ta' rimi llegali ta' skart tal-kostruzzjoni f'postijiet imwarbin, fejn sidien ta' artijiet qed issibu dan il-material fil-propjetà tagħhom u f'ċerti każi anki jiġu mmultati minħabba dan l-iskart. Hu avża lill-Kunsilliera, li kif appena xi ħadd jilmenta fuq każi simili, għandhom javżawh biex jieħu ritratt u jagħmel rapport l-Għassa tal-Pulizija. Il-Kunsillier Carlo Stivala semma li kiem hemm każ fi Triq San Pietru fejn il-Pulizija ħadu azzjoni mmedjatament. Is-Sindku Scott Camilleri ssuġerixxa u tkellem ukoll mal-LESA fejn jekk issiru mobile *CCTV cameras*, hux possibli li tipproċedi fuq min jinqabad jarmi skart illegali. Il-LESA, talbu li meta jiġu provduti bil-filmat, għandhom jkollom id-data u l-ħin ta' meta sar il-każ biex ikunu jistaw jittieħdu passi. Hu issuġġerixxa li fis-seduti li jmiss għandhom jitresqu kwotazzjonijiet għal żewġ mobile *CCTV cameras*. Il-Kunsilliera Maria Mifsud issuġġeriet li dawn iż-żewġ *cameras* jibdew jitmexxew minn post għal ieħor kull tant żmien.

**51.05.05** Is-Sindku Scott Camilleri ġibet l-attenzjoni biex il-Kunsilliera jibdew jużaw iktar il-paġna tal-Kunsill.

**51.05.06** Is-Sindku Scott Camilleri qal li hemm il-bżonn li ssir flood light fuq in-naħa ta' wara tal-pitch tal-Bajja s-Sabiħa sabiex jitnaqqsu l-abbużi.

**51.05.07** Is-Sindku Scott Camilleri qal li għandu jiġi irranġat b'kisja konkos il-passaġġ li jagħti minn wara il-pitch sal-ewwel taraġ.

**51.05.08** Is-Sindku Scott Camilleri semma l-bollards ta' fejn hemm Triq Għar Dalam li ma tkomplewx minn TM. Il-Kunsillier Alex Caruana qal li kienet saret talba lil-IM peress li TM kienu għamlu d-disinn imma l-implimentazzjoni tal-bollards kif ukoll tal-mera ta' faċċata tat-triq u t-tarmak l-aħmar, baqgħu ma sarux. Il-Kunsilliera Maria Mifsud issuġġeriet li ftit il-fuq minn Triq Għar Dalam, qed jieqfu l-karozzi biex iduru lejn Triq Arturo Issel u Triq Herakles u li kieku tittieħed biċċa art mil-ġenb tat-triq, int u sejjer lejn Triq Għar Dalam, il-karozzi ma jiġux ostakolati. Il-Kunsillier Alex Caruana qal li kienet diġa saret talba lil-Transport Malta biex titwessa it-triq,

imma t-talba ġiet irrifjutata. Il-Kunsilliera Maria Mifsud issuġerit biex jsiru tabelli, li vetturi kbar u tal-linja ma jistawx iduru lejn Triq Arturo Issel u Triq Herakles, imma għandhom jitilaw sat-*traffic lights* u jduru minn hemm. Il-Kunsilliera presenti qablu ma dawn il-proposti.

**51.05.09** Is-Sindku Scott Camilleri tkellem dwar it-*traffic count survey*, fejn qal li kien sorpriż bl-ammont kbar ta' traffiku li jgħaddi minn ġewwa Birżebbuġa. Hu qal li jgħaddu bejn 5,000 u 9,000 vettura kuljum min Triq Birżebbuġa. Hu qal li talab lil min għamel dan is-survey biex tipprovdilna spjegazzjoni tal-informazzjoni miġbura, biex inkunu nistaw nispjegaw lin-nies, u nkunu nistgħu niffurmaw opinjoni, biex mal-awtoritajiet jkollna f'idejna biċċa għodda sostenibli u konkreta. Il-Viċi Sindku Josette Busuttil u l-Kunsilliera Maria Mifsud issuġġerew li għandu jsir survey ieħor li jkejjel il-kwalità tal-arja, li jinkludi mhux biss l-emmisjonijiet tal-vetturi, imma wkoll dawk tal-vapuri.

## 51.06 Mozzjonijiet / Rakkomandazzjonijiet

**51.06.01** Is-Sindku Scott Camilleri fakkar li kien talab lil-Kunsilliera biex jibagħtu xi punti tax-xogħolijiet li għamlu. Hu tkellem dwar id-dekasteri fejn wara li ddiskuta mal-Kunsillier il-ġdid, Johann Borg, issuġġerixxa li Johann Borg ikun inkarigat minn settur ġdid dak tas-Saħħa Mentali, Saħħa, Trasport Pubbliku u Fondi Ewropej. Hu issuġġerixxa wkoll li l-Kunsillier Alex Caruana issa jkun inkarigat mit-Traffiku, Parkeġġ u Dwal filwaqt li ma jibqax responsabbli mit-Trasport Pubbiku. Il-Viċi Sindku Josette Busuttil issuġġerit li għandu jkun hemm xi ħadd li jkun inkarigat mis-suq li jarma fi Triq Zaren Dalli. Ġie deċiz li l-aspett Kummerċjali mhux ser jaqa' iktar taħt ir-responsabiltà tal-Kunsillier Carlo Stivala, imma ser jibda jieħu ħsiebu s-Sindku Scott Camilleri, waqt li l-Kunsillier Joseph Farrugia jieħu ħsieb Xogħolijiet Infrastruturali. Il-Kumplament tal-Kunsillieri żammew l-istess dekasteri li kellhom.

## 51.07 Punti mressqa mis-Segretarju Eżekuttiv

**51.07.01** L-Aġent Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat fakkar lill-Kunsilliera biex jibagħtu r-rapport ta' ħidma tagħhom għall-laqgħa annwali li ser issir fl-24 t'Awwissu 2022.

**51.07.02** L-Aġent Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat tkellem dwar il-korrispondenza bl-isem "*Request for autorisation info for commercial and hospitality activities*" . Is-Sindku Scott Camilleri informa li dawn it-tip ta' permessi mhux fil-kompitu tal-Kunsill Lokali u mhux taħt ir-responabilta' tal-Kunsill għax jaqa' taħt entitajiet oħra.

**51.07.03** L-Aġent Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat tkellem dwar il-korrispondenza mill-proġett Siċċa li ser issir fil-Qajjenza. Is-Sindku Scott Camilleri ikkumenta dwar din is-*slipway*, fejn qal li ser issir lejn in-nofs tal-promedade. Hu semma wkoll il-*bern* li ser issir f'Wied Il-Buni biex ma jinġabarx ir-ramel ġo s-*slipway*. Is-Sindku Scott Camilleri kien tal-opinjoni li jiddiskutu mal-għaqdiet konċernati u l-Kunsillier Alex Caruana qal li rigward il-*bern*, din ġiet mitluba mill-Għaqda tas-Sajjieda. Rigward is-*slipway* tal-Qajjenza, is-Sindku Scott Camilleri issuġġerixxa li ssir laqgħa mal-Għaqda għal Qajjenza aħjar u l-Għaqda tas-Sajjieda u tiġi diskussa din is-*slipway* tal-Qajjenza.

**51.07.04** L-Aġent Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat qal li tul dawn l-aħħar jiem għamel letterhead ġdida sabiex ikollna soft copy tagħha. Hu preżenta *draft* tagħha għall-approvazzjoni tal-Kunsilliera. Kien hemm qbil unnanimu.

## 51.08 Aġġornament dwar il-Festa 2022

**51.08.01** Is-Sindku Scott Camilleri tkellem rigward il-permessi tal-imwejjed u siġġijiet flimkien ma' dawk tal-gabbani tal-Festa waqt il-ġranet tal-Festa 2022. Tkellem dwar il-laqgħa li saret mal-Presidenti u Segretarji taż-żewġ għaqdiet mużikali u l-Għaqda tan-nar fejn ġie diskuss il-programm tal-Festa. Hu avża wkoll li nhar il-Erbgħa ser ikun hemm laqgħa mas-Supretendent tal-Pulizija u l-istess għaqdiet sabiex jiġi diskuss l-għeluq tat-toroq u kif ikun l-aħjar mod loġistiku ta' kif ser jitmexxa t-traffiku, inkuż l-assistenza tal-Pulizija u LESA *officers*. Hu talab għall-opinjoni tal-Kunsilliera preżenti ta' kif l-aħjar li jkunu l-ġranet tal-permessi tal-imwejjed u s-siġġijiet jekk hux l-aħħar tliet ijiem ta' Festa jew il-ġimgħa kollha. Il-Kunsilliera qablu li min irid jista jarma il-ġimgħa kollha. Hu avża li l-permess ser ikun bejn is-19:00h u l-23:00h u l-area allokata mhux t'ijed minn 6m². Il-Viċi Sindku Josette Busuttil issuġġeriet sabiex ikun hemm il-*Community Police*, billi jkollom gazebo armata viċin il-Knisja. Is-Sindku Scott Camilleri qabel ma' din l-idea u ser jistaqsi lilhom. Il-Kunsilliera Maria Mifsud infurmat li *Clean Malta* qed jipprovdu bins għall-ġimgħa tal-Festa.

**51.08.02** Is-Sindku Scott Camilleri qal li hemm ftehim mal-*Cleansing* biex jagħmlu l-ħasil ta' postijiet pubbliċi. Hu talab lill-Aġent Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat, biex javżahom. Il-Kunsilliera Maria Mifsud qalet li ser tipprepara skeda tal-ħasil għall-ġimgħa tal-Festa u tgħaddija lill-Cleansing.

**51.08.03** Il-Kunsillier Alex Caruana staqsa lis-Sindku Scott Camilleri jekk fi Triq il-Bandli hux ser issir barrier. Is-Sindku Scott Camilleri ikkomfermalu li ser issir.

## 51.09 Management Letter

*F'dan il-ħin daħlet l-Accountant tal-Kunsill is-Sinjura Doreen Mintoff online is-Sa Doreen Mintoff sabiex tagħti spegazzjoni dwar il-Management Letter.*

**51.09.01** L-*accountant* Doreen Mintoff bdiet biex semmiet il-punt fuq id-*defered income*, fejn kien hemm ammont li jaqa' taħt skema u li kellu jirritorna lura lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali, minħabba li ma sarx il-proġett. Hawn kellu jsir *adjustment* fejn l-ammont ġie rritornat lura f'Marzu 2022.

**51.09.02** L-*accountant* Doreen Mintoff semmiet ukoll dawk l-ammont ta' €30,000 tal-*capital grand* li ġejna mitlubin għall-estenzzjoni tal-ftehim. Hi qalet li jekk ikun hemm il-qbil għandna mmexxu għal ftehim.

**51.09.03** L-*accountant* Doreen Mintoff semmiet ukoll il-punt tad-*depreciation*, għalkemm ġiet imdaħla xahar b'xahar, is-*software* ħadima fuq sena sħiħa. Ġie aċċettat dan l-*adjustment* u irranġajna l-FAR.

**51.09.04** L-*accountant* Doreen Mintoff spegat fuq il-*long outstanding balances*, fejn hemm bilanċ tal-WasteServe fejn dawn qed idumu ma jħallsu l-pagamenti dovuti. Ġie imsemmi ukoll il €67,000 taż-Żurrieq Joint Commitee, li l-Kunsill għandu jirċievi.

**51.09.05** L-*accountant* Doreen Mintoff semmiet ukoll is-*supplier statement* fejn ħafna mis-*suppliers*, mhux kollha jkollhom sistema adekwata ta' kif iżżommu l-*accounts* u li tkun diffiċli għalihom biex jipprovdu dawn l-*statements.* Madankollu, l-Kunsill għandu jagħmel dak kollhu possibli sabiex jġib l-*statement* mingħand *is-supplier*.

**51.09.06** L-*accountant* Doreen Mintoff tkellmet fuq *long outstanding crediters* fejn kien hemm żewġ kredituri li huma iż-Żurrieq Joint Commitee u ieħor relatat mal-proġett tal-PPP, fejn ġejna mitluba mill-awdituri biex nieħdu parir mingħand id-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali fuq dan ir-rigward.

**51.09.07** L-*accountant* Doreen Mintoff semmiet l-*accruals* fejn spjegat fuq il-fatt li l-*performance bonus* tal-ex Segretarju Eżekuttiv kien ġie appovat inqas min dak imwarrab, u peress li kien fl-istess ġurnata tal-approvazzjoni, hi ma kientx għada infurmata, u allura ġejna *over* b'dawk il 5%.

**51.09.08** L-*accountant* Doreen Mintoff semmiet li hemm kont tal-bank li għandu *witholding tax* u l-Kunsill għandu jitkellem mal-bank biex jiġi aġġudikat

**51.09.09** Is-Sindku Scott Camilleri ta' *update* fuq iż-Żurrieq Joint Commitee, fejn kienet saret talba fuq rikjesta tal-Kunsillier Joe Baldacchino biex niġbru *bank statement.* Il-Kunsill irċieva dan il-*bank statement* u qiegħed fil-proċess biex jiġi aċċessat biex jara fejn kien waqaf il-proċess biex jekk hemm flus li intitolati għalijhom, nieħduhom lura.

**51.09.10** Wara li l-Kunsilliera preżenti raw ir-risposta tal-*Management Letter*, il-Kunsilliera qablu kollha mar-risposta preżentata.

## 51.10 Traffiku, Parkeġġ, Utilitajiet u Servizzi

**51.10.01** Il-Viċi Sindku Josette Busuttil tkellmet dwar Dawret il-Qalb Imqaddsa fejn irrimarkat li l-karozzi qed jgħaddu b'veloċita' kbira u li hemm il-bżonn li jsir xi ħaġa. Il-Kunsillier Alex Caruana rrisponda li hemm irridu jsiru *humped zebra crossings.*

**51.10.02** Il-Viċi Sindku Josette Busuttil qalet li kien hemm min ġibdila l-attenzzjoni li fejn l-ex-Każin tal-Labour, weġgħu xi nies minħabba li fil-kantuniera il-bankina saret tiżloq ħafna. Il-Kunsillier Alex Caruana ssuġġerixxa li tinżebaħ b'żebgħa għal tal-apposta, biex in-nies ma jiżolqux.

**51.10.03** Il-Viċi Sindku Josette Busuttil semmiet il-problema li inħolqot fejn qed isir il-bini ta' kostrizzjoni faċċata tal-Ġnien ta' San Ġorg. Is-Sindku Scott Camilleri ta' spjegazzjoni fejn il-kuntrattur, talab bit-telephone mhux fil-ħinijiet tal-uffiċċju biex jitfa t-torba fuq il-bankina. Hu talbu biex jibgħat *e-mail* ħalli filgħodu jiġi ċċekjat mal-awtoritajiet konċernati kif inhi l-proċedura. Il-kutrattur, bagħad *e-mail*, u mingħajr ma' rċieva risposta lura bil-proċeduta, l-għada filgħodu, qabad u tefa' it-torba minn jheddu. Il-Kunsill ċempel lil-BCA u l-BRO biex tittieħed azzjoni mmedjata. Is-Sid ċempel biex jilmenta minħabba li l-kuntrattur tefa' l-inġenji hemm, u il-Kunsill talab biex it-terrapien jitatta bil-plastik. Min-naħa tagħna, rċievejna li jrid ineħħi kollox u ntalab biex jagħmel hekk. Il-Viċi Sindku Josette Busuttil semmiet li issa għamel grada li tinfetaħ lejn it-triq. Is-Sindku Scott Camilleri irrisponda li hemm il-garanzija bankarja tas-sid u li ser ikellmu biex jirranġa il-grada.

**51.10.04** Il-Kunsillier Alex Caruana semma li l-*barrier* tal-Bajja s-Sabieħa issewwiet nhar il-Ġimgħa u peress mar-rampa għad m'hemmx *railing* u l-aċċess għaliha ingħalaq, trid tittieħed deċiżjoni jekk il-*barrier* tinżamx maluqa jew tinqeleb fuq l-*automatic.* Ġie deċiż li l-barrier għanda tinqeleb fuq l-*automatic* u jsir *railing* temporarju.

**51.10.05** Il-Viċi Sindku Josette Busuttil ġibdet l-attenzjoni li l-latrini ta' Wied Il-Buni ingħalqu fit-tmienja u nofs ta' filgħaxija. Is-Sindku Scott Camilleri qal li l-latrini ingħalqu mhux b'konvinjenza, imma frott tal-abbuż. Hu ssuġġerixxa li għandhom jiżdiedu s-siegħat, fejn il-kuntrattur jiftaħ u tiżdiet is-sorveljanza. Il-Kunsilliera Maria Mifsud qalet li s-sajf li għadda (2021) hi kellmet lil Stephanie Aloisio u kienu żdiedu l-ħinijiet. Il-Kunsillier Joseph Farrugia, qal li għanda ssir talba

biex il-Gvern jipprovdi persuni biex jassistu l-latrini. Is-Sindku Scott Camilleri qal li kienet saret talba imma ma ntlaqatx. Il-Kunsillier Joseph Farrugia semma ukoll il-periklu għall-għawiema li qed jgħumu fil-baħar li qed jiġi kontaminat miż-żingu li joħroġ mil-vapuri.

**51.10.06** Il-Viċi Sindku Josette Busuttil ġibdet l-attenzjoni li ic-*central strip* ta' San Luċjan, inħarqet din il-gimgħa u li kien fiha ħafna ħmieg. Il-Kunsilliera Maria Mifsud irrispondiet li hi kelmet lil-*Parks Malta* fuqa, u ser jaraw min ser inaddafa.

**51.10.07** Il-Kunsillier Alex Caruana qajjem il-punt fejn hemm nies li jaqbdu u jitħol fi Triq il-Bandli. Is-Sindku Scott Camilleri rrisponda li diġa hemm it-tabelli "*For Residents Only*". Ftit tal-ħin wara, il-Kunsillier Alex Caruana irċieva informazzjoni li kien hemm dawn it-tabelli imma ġew imneħħija. Hawn il-Kunsillqabe li terġa ssir it-tabella.

**51.10.08** Il-Kunsillier Alex Caruana semma li peress li hemm il-proġett tat-toroq għaddej ġewwa Ħal Luqa, qed ikun hemm ammont ta' trakkijiet tal-*containers* li qed jgħaddu minn Birżebbuga u li wħud minnhom b'veloċita qawwija. Huwa żied jgħid li xorta rridu naraw li hekk kif jitlesta l-proġett dawn ma jibqgħux jgħaddu minn ġewwa Birżebbuġa apparti l-fatt li issa qed jibża li qed ikun hemm abbuż ta' min biex jiffranka li jgħaddi minn Triq Ħal Far biex iqassar jgħaddi minn Birżebbuġa.

**51.10.09** Il-Kunsilliera Maria Mifsud qalet li kelmet lis-Surġent tal-*Community Police*, fuq Triq iż-Żejtun fejn hemm il-palm li twasslek għal fejn il-Bajja ta' San Ġorġ, u qalilha biex tissuġerixxi li jsiru tabelli tan-"*No Entry*".

**51.10.10** Il-Kunsillier Johann Borg staqsa riġward is-*sleeping police* ta' Triq Bengħajsa. Is-Sindku Scott Camilleri ta' rendikont tas-sleeping policemen fejn hemm skedati ħdax, u li minnhom saret waħda s'issa. Hu żied jgħid li tkelmu mal-kuntrattur, u il-Kunsillier Alex Caruana ser jagħtih l-għolijiet u l-wisgħat biex jibda x-xogħol.

**51.10.11** Il-Kunsillier Johann Borg qal li qed istaqsuħ fuq żewġ *sleeping policeman* li kellhom isiru fi Triq il-Port Ħieles. Is-Sindku Scott Camilleri irrisponda li min-naħa tal-Kunsill, talab għal permess lil-Transport Malta, imma s'issa l-permess għadu ma ħariġx.

**51.10.12** Il-Kunsillier Johann Borg talab għal mera f'Dawret il-Qalb Imqaddsa faċċata ta' Triq San Pawl u oħra fi Triq San Ġużepp, ħdejn il-*club* tal-boċċi. Is-Sindku Scott Camilleri qal li hemm disa' mirja ordnati u talbu biex jibagħat mail, ħalli tiġu kkunsidrati.

## 51.11 Proġetti u Skemi

**51.11.01** Il-Kunsillier Joseph Farrugia insista fuq il-maintenance tar-railing tal-promenade ta' fejn Triq Santa Katarina u l-maintenance tad-*decorative lighting poles* u li dawn huma perikolużi. Il-Kunsillier Alex Caruana qal li qed isiru esperimenti biex jaraw kif jistaw jiġu irranġati b'fondi tal-Gvern. Is-Sindku Scott Camilleri qal li għada kif ħarġet skema tal-Ġvern u ser jara jekk jistax il-Kunsill jibbenifika minnha.

**51.11.02** Il-Kunsillier Joseph Farrugia staqsa dwar fiex wasal il-kwistjoni tad-ditch ta' Wied il-Buni. Is-Sindku Scott Camilleri talab lil-Aġent Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat, biex jitlob lil-Ministru Clayton Bartolo ħalli ssir laqgħa miegħu.

## 51.12 Indafa u Ambjent

**51.12.01** Il-Kunsilliera Maria Mifsud staqsiet dwar dawk il-*cameras* li kellhom jeħlu fix-Xatt ta' San Ġorġ u talbet lil-Kunsillier Alex Caruana biex ikellem lil-dik il-persuna li kienet ser tiprovdi dawn il-*cameras*.

**51.12.02** Il-Kunsilliera Maria Mifsud issuġeriet li jsiru *parking spaces* viċin b'ħin qasir, fix-Xatt ta' San Ġorġ, biex wieħed ikun jista jniżżel xi affarijiet qabel ma jmur jipparkja. Is-Sindku Scott Camilleri qal li jridu jiċċekjaw mal-LESA rigward dan.

**51.12.03** Il-Kunsilliera Maria Mifsud qajmet il-punt rigward l-ammont kbir ta' ilmenti fuq il-ġrieden li qed ikun hawn fit-toroq. Hi ssuġġeriet li jsiru *rodent boxes* bil-valenu fihom, u li mhux ta' periklu għall-annimali oħra fost l-oħrajn. Is-Sindku Scott Camilleri qal li ser ikellem lil min jipprovdi dan is-servizz.

**51.12.04** Il-Kunsillier Joseph Farrugia irrimarka fuq il-ħmieġ tal-ħammiem li qed ikun hemm fil-pjazza. Is-Sindku Scott Camilleri rrisponda li biex issiru nasses tal-ħammiem, trid issir deroga u tinħareġ l-awtorizzazjoni mil-awtoritajiet ikkonċernati.

**51.12.05** Il-Kunsilliera Maria Mifsud semmiet li xi ftit ta' żmien ilu bagħtet mail fuq il-ħmieġ li qed ikun hemm ġewwa Wied ix-Xoqqa. Ġranet wara hi ġiet affaċjata minn wieħed mis-sidien tal-karavans fejn hu qalla li hi kontra l-karavans u rraportat lis-sidien tal-karavans li hemm ġewwa Wied ix-Xoqqa. Żiedet tgħid li kien hemm tabella li ma jistawx isiru BBQ's, u li din it-tabella tneħħiet. Hi fakkret li fil-viċinanza ta' dawn il-karavans, hemm il-Liquigas u l-Oil Tanking u BBQ's jistaw ikunu ta' periklu kbir. Hi tinsab iddispjaċuta li email interna saru jafu biha n-nies minn barra.

*Bħalissa 20.10h u l-Kunsillier Joseph Farrugia talab biex jiġi skuzat minħabba raġunijiet personali.*

## 51.13 Attivitajiet

**51.13.01** Il-Viċi Sindku Josette Busuttil qalet li l-attività li jmiss hi "*Gozo By Night*" u li hi diġa *full booked*, u mbgħad ser isir Ġurnata Għawdex fit-23 t'Awwissu.

**51.13.02** Il-Viċi Sindku Josette Busuttil qalet ukoll li ser tibda tiprepara għal Jum Birżebbuġa li ser issir fl-10 ta' Settembru. Hi staqsiet lill-Kunsilliera preżenti biex min irid jista jibda jipprepara n-nominazzjonijiet għal Ġieħ Birżebbuġa. Is-Sindku Scott Camilleri talab lil Viċi Sindku sabiex tibda taħseb għall-bord tal-għażla.

## 51.14 Kultura, Żgħażagħ u Sport

**51.14.01** Il-Kunsillier Alex Caruana staqsa jekk hux possibli li titwaħħal xibka fejn il-*court* tal-*basketball* biex tipproteġi lin-nies li jkunu bilqeda fuq il-bankijiet tal-viċinanza. Il-Kunsillier Carlo Stivala spjega li l-ballun tal-*basketball* jiġi mgħolli u jaqa' l-isfel, u jekk il-ballun jaqbeż ix-xibka, hu sinjal li l-ballun ġie ixxuttjat, u li din tista' ssir mar-ramla kollha.

**51.14.02** Il-Kunsillier Carlo Stivala avża li fit 13 t'Awwissu f'Malta ser jintlgħab għal ewwel darba l-*Air Badmington*, u li ser jiġu ospitati fil-*pitch* tar-ramel.

**51.14.03** Il-Kunsillier Carlo Stivala qal li fis-27 u t-28 t'Awwissu ser jiġi organizzat 3 by 3 *basket ball tournament* għall-ewwel darba fuq ir-ramel. Hu staqsa jekk għal dakinhar hux possibli

jingħataw *tokens* għall-ewwel, it-tieni u t-tielet post. Is-Sindku Scott Camilleri u l-Kunsilliera qablu ma' din il-proposta.

**51.14.04** Fis-27 u t-28 t'Awwissu, l-AIA tal-BMX jixtiequ li jagħmlu *exhibition* żgħira waqt it-3 by 3 *tournament*.

**51.14.05** Fit-18 ta' Settembru l-AIA se tagħmel attività għaż-żgħażagħ ġewwa l-*skate park.*

**51.14.06** Il-Kunsillier Carlo Stivala talab li jsiru erba' *benches* mingħajr id-dahar fil-*basketball court* fejn jista jsir *branding* min-naħa tal-Kunsill.

**51.14.07** Il-Kunsillier Carlo Stivala qal li ra korrispondenza minn *club* tal-*badmington*, fejn ikkunsultaw ma' persuna mil-MFA li qed tieħu ħsieb il-pitch għal *availabilities* ta' ġranet li ser jipprovdu. Is-Sindku Scott Camilleri qal li l-*pitch* hu tal-Kunsill u hu biss jista jamministraħ.

**51.14.08** Il-Kunsillier Carlo Stivala talab biex tinbidel iċ-ċavetta tal-*ground* u din tibqa biss f'idejn l-attendent tal-Kunsill biex jiġi eliminat l-abbuż. Is-Sindku Scott Camilleri irrisponda li ser iqabbad lil-foreman biex isir katnazz ġdid *heavy duty*.

**51.14.09** Il-Kunsillier Carlo Stivala staqsa lis-Sindku Scott Camilleri jekk fil-*park* ta' Bengħajsa għadx hemm il-ħsieb li ParksMalta jagħmlu *tennis court*. Is-Sindku Scott Camilleri qal li għanda ssir laqgħa mal-Ministru Miriam Dalli u din il-proposta tiġi diskussa magħha.

## 51.15 Affarijiet oħra

**51.15.01** Il-Kunsillier Alex Caruana staqsa rigward kaxxa tad-dawl li hemm bla bieba fil-Bajja s-Sabiħa. Is-Sindku Scott Camilleri rrisponda li qed tinġieb kwotazzjoni għaliha, u sakemm din isir, hu kellem lil-*foreman* biex jagħmel bieba temporarja.

**51.15.02** Il-Kunsillier Alex Caruana irrimarka dwar il-gabbana tad-*deck chairs* li minnha qed jinbieħ il-ġelat. Is-Sindku Scott Camilleri qal li rigward din għandna nkellmu lil tal-Lands, PA u l-MTA.

## 51.16 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

**51.16.01** Is-Seduta tal-Kunsill intemmet fit-20:27h wara li ġiet eżawrita l-aġenda u ġiet aġġornata għal nhar il-Hamis, 11 t'Awwissu 2022, fil-17:00h.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| ______________________ | ______________________ |
| **Scott Camilleri** | **Jordy Brincat** |
| *Sindku* | *Aġent Segretarju Eżekuttiv* |